

Brussell, 23 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7430/26  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0423 (COD)

---

---

CODEC 474  
CLIMA 148  
ENV 251  
TRANS 162  
MI 262

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tal-kalkolu tal-kreditu tal-emissjonijiet għall-vetturi tqal għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2025 sa 2029 <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

---

#### Malta talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Malta tixtieq tissottolinja r-restrizzjonijiet strutturali li jikkarakterizzaw is-suq tagħha tal-vetturi heavy-duty. Bħala suq żgħir ħafna li hu kompletament dipendenti fuq l-importazzjoni u li jopera esklużivament b'vetturi li jinstaq fuq il-lemin, Malta għandha kapaċità limitata li tinfluwenza l-ktajjen tal-provvista jew li tibbenefika minn ekonomiji ta' skala.

F'dan il-kuntest, filwaqt li tifhem il-ħtieġa li tiġi introdotta flessibbiltà mmirata għall-manifatturi, Malta tteġġeg il-monitoraġġ mill-qrib tad-disponibbiltà ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero fl-Istati Membri kollha u ttenni l-importanza li jiġu esplorati miżuri komplementari ta' appoġġ min-naħa tad-domanda, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu meta l-ekonomiji ta' skala jibqgħu limitati. Tali appoġġ jgħin biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tat-tranżizzjoni jitqassmu b'mod ekwu u li l-ebda Stat Membru ma jitħalla jibqa' lura.

Malta tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni u tinsab lesta li tkompli taħdem b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni u ma' sħab oħra biex tiżgura li t-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero tkun kemm ambizzjuża kif ukoll inklużiva.

### **Is-Slovakkja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill**

Ir-Repubblika Slovakka tappoġġa l-adozzjoni tar-reviżjoni mmirata tar-Regolament (UE) 2019/1242 u tirrakkomanda l-adozzjoni rapida tiegħu mingħajr emendi ulterjuri.

Fl-istess ħin, tissottolinja, fejn xieraq, il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat rieżami komprensiv aktar bikri tal-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi heavy-duty, qabel l-iskeda ta' żmien prevista bħalissa għall-2027.